MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## MIZZI ANTONIO LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 552/2002

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello u
Sp Carmelo Magri)
vs
Marco Micallef, iben Alfred,
imwieled il-Ħamrun fil-25 ta'
novembru, 1964
u
Loreto Bonello, iben Vincent,
imwieled Bormla fis-17 ta' mejju, 1966

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli fis-6 ta' lulju, 2002 għal ħabta tad-9.00 p.m. mill-ħanut bl-isem 'Thomas Pharmacy' sitwat fi Triq il-Kbira

San Ġiusepp, Ħamrun ikkomettew serq ta’ ‘cash register’ tal-marka ‘Casio 2000’ kontenenti somma ta’ flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000),
bil-ħin u li sar għad-dannu ta’ Giuseppe Bonavia li huwa anzjan ta’ 69 sena minn Ħad-Attard;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta’ awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lill-istess Giuseppe Bonavia u lil martu Giuseppa Bonavia minn Ħad-Attard li hija wkoll anzjana ta’ 62 sena kontra l-volonta’ tagħhom;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wzaw vjolenza sabiex iġiegħlu lill-konjuġi Giuseppe u Giuseppa Bonavia jagħmlu, jħallu jsir, jew jonqsu milli jagħmlu, xi ħaġa;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li għamlu delitt kontra l-persuna, kellhom fil-pussess tagħhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsara, jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamlu ħsara fuq il-‘cash register’ tal-marka ‘Casio 2000’ għad-dannu tal-istess Giuseppe Bonavia, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda mhux iżjed minn ħamsin liri maltin (Lm50);
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, **Marco Micallef** waħdu, ikkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Giuseppe Bonavia, skond kif iċċertifika it-Tabib Stephen Muscat ta’ l-Isptar San Luqa;
7. talli f’xi ħin wara nofs in-nhar, fis-6 ta’ lulju, 2002 fi Triq Qrejten, Ħamrun ikkomettew serq ta’ karozza tal-għamla Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAD 136, għad-dannu ta’ Gaetano B rincat mill-Ħamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf liri maltin, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsara, jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamlu ħsara fuq il-vettura tal-għamla Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAD 136, għad-dannu tal-istess Gaetano Brincat, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri

maltin (Lm10) iżda mhux iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50);
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, **Loreto Bonello** waħdu, ikkometta reati ta' serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin datata 16 ta' jannar, 2001 imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati;
10. talli saru re[idivi a terminu tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tal-ewwel seduta ta' din il-kawża miżmuma fit-18 ta' lulju, 2002 fejn
l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom fl-istqarrija li huma għamlu lill-pulizija u li kkolaboraw bi sħiħ mal-istess pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' diċembru, 2002 fejn l-imputati ntrabtu li jħallsu
lill-kojuġi Bonavia l-flus li serqu u d-dannu li kkawżaw fil-'cash register'.

Semgħet ix-xhieda ta' Gaetano Brincat li nforma l-Qorti li l-imputati ma għamlu
ebda ħsara fil-karozza tiegħu u cioe' fil-karozza tal-għamla Ford Escort, bin-numru
tar-reġistrazzjoni HAD 136.

Semgħet lid-difensur ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tmien akkuża miġjuba kontra tagħhom u kwindi tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' **Marco Micallef** – rat l-artikoli 86, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(a)(b), 263(b), 267, 270, 274(ċ), 276A, 277(a), 325(b), 221(1), 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat illi l-imputat ikkolabora mal-pulizija u li ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel opportunita' li kellhu u għalhekk jista' jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikoli 21

tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija u minn tali perjodu għandu jitnaqqas il-perjodu tal-arrest preventiv.
Fil-konfront ta' **Loreto Bonello** – ma ssibux ħati tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Rat l-artikoli 86, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(a)(b), 263(b), 267, 270, 274(ċ), 276A, 277(a), 325(b), 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat illi l-imputat ikkolabora mal-pulizija u li ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel opportunita' li kellhu u għalhekk jista' jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikoli 21 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija u minn tali perjodu għandu jitnaqqas il-perjodu tal-arrest preventiv. Inoltre, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu operattiv ta' erba' snin tas-sentenza sospiża mogħtija, minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-16 ta' jannar, 2001 jibda jidekorri
mil-lum stess.